MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 318/2007

**Talba Nru: 318/07PBC**

**Public Broadcasting Services Limited**
**(C13140)**

**Vs**

**Desmond Vella ezercenti l-kummerc**
**bl-isem Exit Promotions**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u sittax-il lira Maltin u disgha u erbghin centezmu

(Lm516.49c) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilu.

Ra r-Risposta tal-konvenut li wiegeb li t-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148A u l-Artikolu 2148B tal-Kap. 16. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti t-talba tas-socjeta' attrici hija intempestiva. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema' x-xhieda ta' Ramona Maria De Giovanni, Desmond Vella, Tarcisio Vella u ta' Ray Libreri.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ra li fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007 giet irtirata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Veronica Aquilina ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Michael Grech ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut jezercita' l-kummerc taht l-isem Exit Promotions u kien inkariga lis-socjeta' attrici sabiex taghmillu sensiela ta' reklami fuq it-televizjoni u fuq ir-radju. Fl-atti gew esebiti tlett kuntratti li jinsabu a fol 18, 19 u 20 tal-process izda ghalkemm il-kuntratti a fol 18 u 20 huma ffirmati mill-konvenut, il-kuntratt a fol 19 m'huwiex.

Ramona Maria De Giovanni ghan-nom tas-socjeta' attrici kkonfermat illi l-ammont dovut f'din il-kawza jirrapprezenta:

"Kwantu ghas-somma ta' hames mija u lira Maltija u hamsin centezmu (Lm501.50c) fuq invoice tal-31 t'Awissu, 2004 relattiv ghall-kuntratt tal-5 t'Awissu, 2004 li huwa a fol 19 tal-process tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385) u tal-kuntratt tas-17 ta' Lulju, 2004 li jinsab a fol 20 tal-process. Minn dan l-ahhar kuntratt jidher illi ghalkemm il-kuntratt huwa ghal mitt lira Maltin (Lm100),

fil-fatt l-ammont pretiz huwa ta’ erbghin lira Maltin (Lm40). Ma’ l-ammonti ta’ tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385) u erbghin lira Maltin (Lm40) ghandu jizdied il-VAT.

Inoltre, s-socjeta’ attrici qeghda titlob ukoll is-somma ta’ erbatax-il lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm14.99c) li huwa l-ammont relattiv ghall-kuntratt a fol 18 tat-30 ta’ Lulju, 2004 dwar avvizi li dehru fuq ir-radju.”

Il-konvenut qieghed jikkontesta l-kont relattiv ghall-kuntratt a fol 19 tal-process izda fix-xhieda tieghu ammetta li dak naxxenti mill-kuntratti a fol 18 u 20 tal-process ghandhom jithallsu.

Mill-provi u mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi ghar-rigward tal-kuntratt a fol 18 tal-process, l-ammont dovut huwa ta’ erbatax-il lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm14.99c) filwaqt li ghar-rigward tal-kuntratt a fol 20 tal-process, l-ammont dovut huwa ta’ erbghin lira Maltin (Lm40), u ma’ din is-somma ta’ l-ahhar wiehed ghandu jzid il-VAT u cjoe’ l-ammont ta’ seba’ liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm7.20c) biex b’hekk l-ammont komplessiv li qed jammetti ghalih il-konvenut huwa ta’ tnejn u sittin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm62.19c).
Fir-rigward ta’ din il-parti tal-kawza, qeghdin jigu michuda u dan stante li l-konvenut stess qieghed jammetti illi dan l-ammont huwa dovut u ghalhekk ma kien hemm xejn xi jzommu milli jaqbad u jhallas meta kien jircievi l-kontijiet.

Hemm kontestazzjoni jekk il-konvenut kienx ordna jew ta l-kunsens tieghu ghal tali reklamar.  Ir-reklamar indikat fil-kuntratt a fol 19 tal-process jirrizulta li sar u dan jidher ukoll mill-*“as run log”* a fol 21 sa 25 tal-process.

Inoltre, l-konvenut qieghed jikkontesta li huwa qatt ta l-kunsens tieghu ghal tali reklamar.  Il-prova relattiva tispetta lis-socjeta’ attrici u din il-prova ma saritx.  Il-kuntratt *de quo* mhux iffirmat u inoltre jirrizulta li certu Alfie Fabri, li kien DJ mal-PBS u kien awtorizzat jigbor l-*adverts* minghand in-nies u jghaddihom lill-PBS, ma giex prodott biex jixhed.

Mill-banda l-ohra t-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li l-*adverts* attwalment saru u dawn kien ghall-beneficcju tal-konvenut u inoltre, xi hadd kien ghadda din l-informazzjoni lis-socjeta' attrici. Illi ghalhekk, sabiex ma jkunx hemm arrikiment indebitu, jkun gust u ekwu li fuq dan il-kuntratt il-konvenut jigi obbligat ihallas parti u ghal dan il-fini t-Tribunal, *arbitrio et bono viri*, qed jillikwida s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100).

Illi ghalhekk, fid-dawl tal-premess it-talba attrici ser tigi milqugha in parte u ghandu jkun hemm rifless konsegwenti fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba tas-socjeta' attrici u dan limitatament ghas-somma ta' tlett mija u sebgha u sebghin Euro u tmenin Euro cents (€377.80) - (Lm162.19c) u konsegwentement jikkkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u sebghin Euro u tmenin Euro cents (€377.80) - (Lm162.19c) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez huma kwantu ghal terz (1/3) ghas-socjeta' attrici u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------